MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## GRAZIELLA BEZZINA

Seduta tas-27 ta' Frar, 2015

Talba Numru. 169/2009

**Atlas Insurance PCC Limited (C5601) f'isimha proprju**
**u kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurata taghha**
**Intercomp Marketing Limited**
**abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni u tal-ligi u l-istess**
**Intercomp Marketing Limited**
**(C20612)**

**vs**

**B.A.S. Limited**
**u b'digriet datat 24 ta' April 2009 giet**
**kjamata in kawza s-Socjeta'**
**Fahrenheit Freight Forwarders Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-Socjeta' attrici ddikjarat illi s-Socjeta' Intercomp Marketing Limited inkarigat lis-Socjeta' intimata sabiex tittrasporta merkanzija lejn Malta u meta l-imsemmija merkanzija giet ikkonsenjata lil Intercomp Markering Limited fis-6 ta' Marzu, 2008, rrizulta li kien hemm nuqqasijiet fil-merkanzija, ghal liema nuqqasijiet hija responsabbli s-Socjeta' intimata; Peress illi ai termini tal-polza ta' assikurazzjoni relattiva s-

Socjeta' rikorrenti Atlas Insurance PCC Limited hallset lill-assigurata taghha s-somma ta' disa' mija u seba' ewro, sebgha u hamsin centezmu (€907.57c) u ghalhekk is-Socjeta' rikorrenti hija surrogata fid-drittijiet tal-assigurata taghha u dan oltre l-hlas ta' mitejn u hamsin ewro (€250) bhala survey fees u s-Socjeta' Intercomp Marketing Limited sofriet mitejn, tlieta u tletin ewro (€233) bhala excess; Peress illi s-Socjeta' intimata hija ghalhekk debitrici tas-socjetajiet rikorrenti fis-somma globali ta' elf, tlett mija u disghin ewro, sebgha u hamsin centezmu (€1,390.57c), in kwantu ghal elf, mija, sebgha u hamsin ewro, sebgha u hamsin centezmu (€1,157.57c) lis-Socjeta' rikorrenti Atlas Insurance PCC Limited u mitejn, tlieta u tletin ewro (€233) lis-Socjeta' rikorrenti Intercomp Marketing Limited, rapprezentanti l-valur tan-nuqqasijiet fil-merkanzija relattivi, l-ispejjez tas-survey relattiv u l-excess, kollox kif premess.

Bl-imghax legali rispettiv mid-data tal-hlasijiet relattivi u bl-ispejjez kontra s-Socjeta' intimata, li minn issa tibqa' ngunta ghas-subizzjoni taghha.

Ra r-risposta tas-Socjeta' konvenuta, li permezz taghha eccepiet; (1) illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi: (i) ma jirrizultax illi l-merkanzija in kwistjoni giet nieqsa waqt li din kienet taht ir-responsabilita' tas-Socjeta' konvenuta; u (ii) fi kwalsiasi kaz is-Socjeta' konvenuta ma kellha ebda tort jew htija ghar-rigward tan-nuqqasijiet reklamati u ghalhekk ma jista' jkollha ebda responsabilita'; (2) illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-Socjeta' attrici Atlas Insurance PCC Limited trid tipprova li l-ispejjez reklamati rigward is-*survey fee* huma dovuti; (3) illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-Socjetajiet attrici naqsu milli javzaw lis-Socjeta' konvenuta bid-danni allegatament subiti fiz-zmien stipulat fl-artikolu 30 tal-*Convention on the Contract for International Carriage of Goods by Road* (CMR) u ghalhekk ghandu japplika d-dispost ta' l-istess artikolu; (4) illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, kwalsiasi responsabilita' li tista' tigi determinata hija limitata a tenur tar-regolamenti tal-*Convention on the Contract for International Carriage of Goods by Road* (CMR) u tal-kundizzjonijiet tal-garr relattivi; (5) illi minghajr pregudizzju ghas-suespost fic-cirkostanzi ghandha tigi kkjamata fil-kawza s-Socjeta' Fahrenheit Freight Forwarders Co. Limited li giet inkarigata bil-garr tal-merkanzija mis-Socjeta' konvenuta u dan billi huwa importanti u ekonomiku li tigi stabbilita r-responsabilita' tal-partijiet involuti f'dan il-kaz f'gudizzju wiehed. Inoltre u minghajr pregudizzju ghas-suespost f'kaz li jigi ritenut li s-Socjeta' konvenuta hija responsabbli ghad-danni fil-konfront tas-Socjeta' assikuratrici jew Intercomp Marketing Limited l-istess Socjeta' konvenuta ghandha dritt ta'

rivalsa fil-konfront ta’ Fahrenheit Freight Forwarders Co. Limited; (6) illi in vista tas-suespost, it-talba tas-Socjetajiet attrici ghandhom jigu michuda, bl-ispejjez; Salv eccezzjonijiet ohra.

Ra l-verbal tas-seduta tal-24 ta’ April, 2009, li permezz tieghu giet akkolta t-talba tas-Socjeta’ konvenuta ghall-kjamata in kawza ta’ Fahrenheit Freight Forwarders Co. Limited.

Ra r-risposta tas-Socjeta’ kjamata in kawza, li permezz taghha eccepiet; (1) Illi s-Socjeta’ esponenti, u cioe’ Fahrenheit Freight Forwardres Co. Ltd. ma ghandha l-ebda relazzjoni guridika mas-Socjetajiet attrici u ghaldaqstant ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju; (2) illi minghajr pregudizzju ghas-suespost il-pretensjonijiet li s-Socjetajiet attrici jew dik konvenuta qatt seta’ kellhom fir-rigward tas-Socjeta’ esponenti llum huma dekaduti ai termini ta’ l-Artikolu 32(1)(a) tal-*Convention on the Contract for International Carriage of Goods by Road* (CMR) li giet inkorporata fil-ligi nostrana tramite l-Kap 836 tal-Ligijiet ta’ Malta; (3) Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost is-Socjeta’ esponenti m’hijiex responsabbli ghal ebda danni li allegatament soffrew is-Socjetajiet atturi stante li hi kkonsenjat il-merkanzija, konsistenti f’numru ta’ *sealed pallets* li gew konsenjati lilha mis-Socjeta’ estera DHL Danzas Air & Ocean (Netherlands) B.V., lir-ricevitur f’Malta, u cioe’ s-Socjeta’ konvenuta BAS Limited, fl-istess stat li rceviethom hi u dan skont ma kienet marbuta li taghmel. Ghaldaqstant jekk kien hemm xi nuqqasijiet fil-merkanzija dan ma sarx meta l-merkanzija kienet taht il-kura u kustodja taghha; (4) Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma eccessivi; (5) Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost kwalunkwe responsabilita’ li tista’ tigi mputata lis-Socjeta’ esponenti hija suggetta ghal-limitazzjonijiet tal-*Convention on the Contract for International Carriage of Goods by Road* (CMR) li giet inkorporata fil-ligi nostrana tramite l-Kap 836 tal-Ligijiet ta’ Malta; Ghaldaqstant, is-Socjeta’ esponenti hija tal-umli opinjoni illi t-talbiet tas-Socjetajiet attrici u l-pretensjonijiet tas-Socjeta’ konvenuta fil-konfront tas-Socjeta’ esponenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghhom. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Ha konjizzjoni tax-xhieda li nghatat mir-rapprezentanti tal-partijiet kontendenti u ra d-dokumenti esebiti mill-partijiet.

Ra n-noti tal-Osservazzjonijiet.

Ikkunsidra,

Illi permezz ta' din l-azzjoni s-Socjeta' attrici – li maghha s-Socjeta' Intercomp Marketing Limited kienet assigurata in rigward konsenja ta' merkanzija minn barra minn Malta, u dwar liema konsenja saret *claim* mis-Socjeta' Intercomp ghaliex sabet *laptop* wiehed-(1) nieqes – qed titlob hlas minghand is-Socjeta' konvenuta jew dik kjamata in kawza tal-ammont li gie mhallas lill-assigurata taghha. Illi r-rapprezentant tas-Socjeta' attrici ddikjara illi s-Socjeta' konvenuta, li tipprovdi servizz ta' *freight forwarding*, giet inkarigata sabiex tigbor din il-merkanzija minghand il-fornitur minn gewwa mahzen barra minn Malta u tikkonsenjaha fil-mahzen tas-Socjeta' assigurata taghha, u cioe' Intercomp. Illi rrizulta illi s-Socjeta' konvenuta nkarigat is-servizzi ta' terzi sabiex jigbru u jikkonsenjaw din il-merkanzija, u liema servizz gie ghalhekk ipprovdut mis-Socjeta' kjamata in kawza. Illi din il-konsenja partikolari kienet tikkonsisti fi tmintax (18)-il pallet li fuqhom kien hemm disa' mija, sitta u disghin (996) kaxxa bil-*laptops*, li minnhom kien hemm *laptop* wiehed-(1) nieqes. Illi f'dan ir-rigward, id-direttur tas-Socjeta' attrici ddikjara illi l-*laptop* kien nieqes bil-kaxxa b'kollox, u ghalhekk lanqas ma kien hemm il-kaxxa. Illi s-Socjeta' assigurata ressqet claim in rigward dan l-oggett li kien nieqes, u wara li saru d-debiti verifiki, s-Socjeta' attrici wettqet il-hlas tal-valur ta' dan l-oggett. Illi l-ammont mitlub f'din il-kawza jinkludi mitejn, tlieta u tletin ewro (€233) *excess* li hallset is-Socjeta' Intercomp. Illi r-rapprezentant tas-Socjeta' attrici ddikjara in ezami illi f'dan il-kaz *surveyor* ma tqabbadx, u ghalhekk ma gie mhejji ebda *survey report*; madanakollu, gie pprezentat minnu *survey report* datat 6 ta' Marzu, 2008 li jinsab esebiet a fol. 18 tal-atti, u s-Socjeta' attrici qed titlob hlas fl-ammont ta' mitejn u hamsin (€250), li jirraprezenta hlas ghal dan is-*survey*.

Illi dwar il-merkanzija illi giet ikkonsenjata mis-Socjeta' kjamata in kawza fl-imhazen tas-Socjeta' assigurata Intercomp Marketing Limited, ir-rapprezentant tas-Socjeta' attrici ddikjara li ma jafx jekk l-inkarigu bejn l-Intercomp u BAS kienx jinvolvi konsenja ta' *cartons* jew konsenja ta' *pallets*. Iddikjara illi l-polza ta' assigurazzjoni kienet tkopri konsenja ta' *computers* u l-valur taghhom. Ir-rapprezentanti u impjegati fi hdan is-Socjeta' Intercomp Marketing Limited iddikjaraw illi l-merkanzija tigi kkonsenjata *shrink wrapped* u nnotaw illi kien hemm laptop li kien nieqes minn dawn il-kaxxi, u nizzel il-*code* tieghu. Illi tali merkanzija tigi ppakkeggjata fl-imhazen tal-fornitur, u l-*Logistics Manager* iddikjara li ma setax jghid b'certezza jekk il-*packaging* li waslet bih il-merkanzija hawn Malta kienitx l-istess *shrink wrapping* li l-merkanzija tkun telqet bih mill-imhazen tal-fornitur. Illi l-

merkanzija waslet minn barra minn Malta fl-4 ta’ Marzu, 2008 u giet ikkonsenjata fl-imhazen tas-Socjeta’ asigurata Intercomp jumejn wara, u cioe’ fis-6 ta’ Marzu, 2008. Illi f’dak il-perjodu ta’ jumejn, tali merkanzija baqghet fil-pussess tas-Socjeta’ li gabet l-istess merkanzija minn barra minn Malta, u ghalhekk setghet kienet ghand is-Socjeta’ konvenuta jew dik kjamata in kawza. Illi dwar min ikkonsenja l-merkanzija fl-imhazen ta’ Intercomp, il-Logistics Manager iddikjara li ma jafx jekk kienux persuni impjegati mas-Socjeta’ konvenuta jew dik kjamata in kawza; izda ddikjara li jaf li s-Socjeta’ konvenuta ta’ spiss kienet tinkariga s-servizzi tas-Socjeta’ kjamata in kawza.

Illi xehed ukoll l-i*store keeper* tas-Socjeta’ Intercomp illi rcieva l-konsenja tal-merkanzija u li ffirma d-*delivery note,* li kopji taghha jinsabu a fol. 23 u 60 tal-atti. Illi l-istess xhud iddikjara li l-kumment li tnizzel fuq din id-*delivery note* dwar il-fatt illi kien hemm *laptop* nieqes, u dan kif jirrizulta mill-kopja esebita a fol. 23 tal-atti, saret minnu; izda ma setax jispjega kif tali kumment tnizzel biss fuq il-kopja li nzammet mid-destinatarju tal-merkanzija, u mhux ukoll fuq dik li tinzamm mill-burdnar li jkun wettaq il-konsenja, partikolarment gialadarba tali karti huma *carboned* minnhom nfushom. Iddikjara illi tali kummenti generalment jitnizzlu dak il-hin tal-konsenja, u mhux wara; iddikjara wkoll illi bhala regola l-merkanzija tigi kkonsenjata *shrink wrapped* mill-erba’ (4) lati tal-gnub u anke minn fuq, u kemm-il darba jinnotaw xi hsara jew ticrita f’tali *shrink wrap*, allura jitnizzel annotament f’dan ir-rigward. Iddikjara wkoll illi hu jivverifika l-istat tal-merkanzija fil-presenza tal-burdnar li jwettaq il-konsenja. Dwar id-dettalji li jitnizzlu fuq id-*delivery note* dawn jigu nseriti mill-burdnar, li jgib dan id-dokument bl-informazzjoni ‘gia miktuba.

Illi r-rapprezentant tas-Socjeta’ konvenuta ddikjara illi huma kienu nkarigaw lis-Socjeta’ kjamata in kawza sabiex jittrasportaw il-merkanzija minn barra minn Malta sal-imhazen tas-Socjeta’ kjamata in kawza hawn Malta, u imbaghad is-Socjeta’ konvenuta wasslu l-istess merkanzija fl-imhazen tas-Socjeta’ assigurata, u cioe’ Intercomp. Illi l-istess rapprezentant iddikjara li s-Socjeta’ rapprezentata minnu kkontestat l-allegazzjoni tal-Intercomp illi kien hemm merkanzija nieqsa, u dan permezz ta’ ittra datata 26 ta’ Marzu, 2008, u dan ghaliex id-*delivery note* relattiva ghal tali konsenja ma kien fiha ebda kummenti illi kien hemm oggett nieqes. Illi ddikjara wkoll illi d-*delivery note* fil-pussess tieghu, u li kopja taghha tinsab esebita a fol.60 tal-atti hija differenti minn dik esebita minn rapprezentant ta’ Intercomp, li tinsab esebita a fol.23 tal-atti, in kwantu f’din tal-ahhar hemm kumment li ma jirrizultax fid-*delivery note* li tinsab fil-pussess tar-rapprezentant tas-Socjeta’ konvenuta. Iddikkjara wkoll

illi ma jafx x' tip ta' *packaging* kellha l-merkanzija meta ingabret minghand is-Socjeta' kjamata in kawza, u cioe' jekk hux fuq il-*pallets*; izda ddikjara li din ingabret *in good order and condition*, ghaliex m'ghandu ebda rimaka kuntrarja. Iddikjara wkoll illi meta s-Socjeta' konvenuta gabret il-merkanzija minghand dik kjamata in kawza, sar biss ghadd tal-*pallets* li fuqhom kien hemm il-kaxxi, u mhux tal-*cartons* individwali. L-istess rapprezentant iddikjara illi t-*trailer* li fuqu telqet il-merkanzija ma kienx issiggillat, u dan anke minhabba l-fatt illi kien ser jintuza ghal garr tat-tip *groupage*. Madanakollu, sakemm dan it-*trailer* wasal Malta, kien gie siggillat.

Illi r-rapprezentant tas-Socjeta' konvenuta ddikjara li huma nkarigaw lis-Socjeta' kjamata in kawza sabiex tigbor din il-merkanzija mill-mahzen gewwa l-Olanda u tikkonsenjaha fil-mahzen tas-Socjeta' Intercomp Marketing Limited. Illi l-istess rapprezentat ikkonferma illi kienet is-Socjeta' rapprezentata minnu illi nkarigat is-servizzi tas-Socjeta' kjamata in kawza, u huma nformaw b'dan lis-Socjeta' assigurata Intercomp. Illi in rigward is-servizzi li kienet qed tippresta s-Socjeta' kjamata in kawza, r-rapprezentant tas-Socjeta' konvenuta ddikjara illi minhabba li kienu qed jirrizultaw xi nuqqasijiet fil-konsenja ta' merkanzija meta kienu qed jinkarigaw is-servizzi tas-Socjeta' kjamata in kawza, huma kienu anke bghatu rapprezentant fil-mahzen gewwa l-Olanda sabiex jissorveljaw il-process ta' thejjija tal-*palletting* u impakkettar, sakemm din il-merkanzija tingabar mill-*trailer* tas-Socjeta' kjamata in kawza, jigi ffirmat is-CMR document, u t-*trailer* jitlaq. Illi eventwalment is-Socjeta' konvenuta ma baqghetx tghamel uzu mis-servizz tas-Socjeta' kjamata in kawza, u dan minhabba n-nuqqasijiet illi kienu qed jirrikorru fil-konsenja tal-merkanzija. Iddikjara wkoll illi l-problema kienet tirrikorri aktar meta l-merkanzija tigi trasportata permezz ta' *groupage*.

Illi r-rapprezentant tas-Socjeta' kjamata in kawza ddikjara illi f'dan il-kaz kien tressaq ilment minn DHL gewwa l-Olanda dwar it-*trailer* li fuqu kienet ser tingarr il-merkanzija, in kwantu t-*trailer* kien tat-tip *canvas* u mhux *box*, u l-istess DHL gharrfet dwar dan lis-Socjeta' konvenuta, u gharrfitha wkoll illi kemm-il darba tingarr il-merkanzija fuq dan it-*trailer*, allura ma kellhix tinzamm responsabbli ghal kwalunkwe irregolaritajiet li setghu jirrizultaw waqt il-garr tal-merkanzija lejn Malta. Illi kien intlahaq ftehim illi s-sewwieq tat-*trailer* kellu jara l-merkanzija tigi mghobbija ghal fuq it-*trailer*, u anke ttiehdu xi ritratti tul dan il-process. Illi meta s-sewwieq tat-*trailer* wasal fl-imhazen tad-DHL sabiex jghabbi l-merkanzija, sab il-merkanzija lesta fuq il-*pallets* u *shrink wrapped*. Dwar dan gie avzat l-istess rapprezentant tas-Socjeta' kjamata in kawza. Illi l-istess rapprezentant ta struzzjonijiet lis-sewwieq tat-

*trailer* sabiex jaccerta illi l-*pallets* ma kienx fihom hsara esterjorment, u jaccerta wkoll illi s-*shrink wrap* huwa intatt, f'liema kaz jaccetta l-konsenja, u hekk gara. Illi f'dan il-kaz il-garr tal-merkanzija kien permezz ta' *groupage trailer*; madanakollu, iddikjara li ma jiftakarx jekk il-konsenja lil Intercomp saritx dirett mis-Socjeta' kjamata in kawza jew minn dik konvenuta.

Ikkunsidra,

Illi din l-azzjoni tittratta dwar konsenja ta' merkanzija li giet imwettqa mis-Socjeta' kjamata in kawza fis-6 ta' Marzu, 2008, u dan fl-imhazen tas-Socjeta' assigurata mas-Socjeta' attrici, u cioe' Intercomp Marketing Limited. Illi tali merkanzija kienet tikkonsisti f' disa' mija, sitta u disghin (996) *laptop,* u li kien hemm *laptop* wiehed nieqes. Illi mid-deposizzjoni li nghatat mill-persuni illi kienu prezenti sabiex jilqghu din il-konsenja, jidher illi s-*shrink wrapping* madwar il-merkanzija kienet ghadha intatta, izda kien hemm kaxxa wahda nieqsa; illi ghalhekk minflok gew ikkonsenjati disa' mija, sitta u disghin (996) *laptop,* gew ikkonsenjati disa' mija, hamsa u disghin (995), ghaliex lanqas il-kaxxa ma kienet mal-konsenja. Illi s-Socjeta' attrici qed titlob hlas minghand is-Socjeta' konvenuta tal-valur ta' dan il-*laptop* li gie nieqes. Illi da parti taghha, is-Socjeta' konvenuta qed tikkontesta li seta' kien hemm dan il-*laptop* nieqes minn din il-konsenja, ghaliex fuq id-*delivery note* li tinsab fil-pussess taghha, u li kopja taghha tinsab esebita a fol.60 tal-atti, ma kien hemm ebda rimarka in rigward.

Illi l-kontestazzjoni tas-Socjeta' konvenuta hija bbazata principalment fuq zewg aspetti, u cioe' illi ma rrizultax sodisfacentement illi kien hemm *laptop* nieqes mill-konsenja in kwistjoni, oltre illi kemm-il darba dan il-*laptop* gie nieqes, il-merkanzija ma kienetx taht ir-responsabilita' taghha, u ghalhekk m'ghandhix tigi dikjarata responsabbli ghal tali nuqqas; illi oltre dan, u fi kwalunkwe kaz, kwalsiasi responsabilita' li tista' tigi determinata hija limitata a tenur tar-regolamenti tal-*Convention on the Contract for International Carriage of Goods by Road (CMR).* Illi fi kwalunkwe kaz, is-Socjeta' assigurata naqset milli tinforma lis-Socjeta' konvenuta dwar l-oggett nieqes entro t-terminu stipulat fl-Artikolu 30 tal-*Convention on the Contract for International Carriage of Goods by Road (CMR),* li jipprefiggi terminu ta' sebat-(7) ijiem mid-data tal-konsenja, eskluz il-Hdud u festi, f'liema zmien is-Socjeta' assigurata kellha tinforma lis-Socjeta' konvenuta dwar l-imsemmi nuqqas; illi konsegwentement ghandu jigi meqjus, b'applikazzjoni ta' dan il-provvediment tal-ligi, illi l-konsenja saret fil-kundizzjoni u skond id-deskrizzjoni rizultanti mill-*consignment note.* Illi f'dan ir-rigward jirrizulta mill-atti processwali illi s-Socjeta' assigurata Intercomp gharrfet

lis-Socjeta’ konvenuta b’dan in-nuqqas permezz ta’ ittra datata 18 ta’ Marzu, 2008, u dan kif jirrizulta minn ittra responsiva mibghuta mis-Socjeta’ konvenuta datata 26 ta’ Marzu, 2008, li kopja taghha tinsab esebita a fol.43 tal-atti. Illi kopja ta’ din l-ittra, mibghuta mis-Socjeta’ assigurata Intercomp datata 18 ta’ Marzu, 2008 tinsab esebita a fol.25 tal-atti. Illi m’hemmx dubju illi minn meta giet imwettqa l-konsenja, u cioe’ 6 ta’ Marzu, 2008, sakemm is-Socjeta’ konvenuta giet informata dwar dan in-nuqqas fil-konsenja, u dan permezz ta’ ittra datata 18 ta’ Marzu, 2008, tali terminu ta’ sebat-(7) ijiem indikat fl-Artikolu 30 tal-Konvenzjoni kien skada. Illi ghalhekk tali eccezzjoni tirrizulta gustifikata, u qed tigi akkolta.

Illi fi kwalunkwe kaz, u fil-mertu, jkun opportun illi jigi rilevat illi d-diskrepanza bejn id-*delivery note* li kienet tinsab fil-pussess tas-Socjeta’ assigurata Intercomp, li kopja taghha tinsab esebita a fol. 23 tal-atti, u dik li kienet tinsab fil-pussess tas-Socjeta’ konvenuta, u li kopja taghha tinsab esebita a fol.60 tal-atti, twassal lil dan it-Tribunal ghall-konvinzjoni illi t-tezi tas-Socjeta’ assigurata – u cioe’ illi l-*laptop* seta’ gie nieqes waqt it-tragitt tieghu lejn Malta – m’ghandhix mis-sewwa, ghaliex ma saret ebda rimarka mill-is*tore keeper* tas-Socjeta’ assigurata Intercomp fuq id-*delivery note* fil-hin tal-konsenja li kien hemm oggett nieqes – ghaliex altrimenti kien jaccerta illi tali rimarka tigi riprodotta wkoll fuq il-kopja tad-*delivery note* li kellu fil-pussess tieghu l-burdnar, u jidher illi saret *ex post facto* l-konsenja. Illi t-Tribunal jqis bhala rilevanti wkoll il-fatt illi s-survey report, li kopja tieghu tinsab esebita a fol.18 *et seq* tal-atti, ghalkemm hemm indikat illi s-survey sar fis-6 ta’ Marzu, 2008, jidher illi gie ffirmat fil-15 ta’ Novembru, 2008. Illi huwa ferm probabbli illi kien ghalhekk illi l-ittra li ntbaghtet mis-Socjeta’ assigurata Intercomp lis-Socjeta’ konvenuta hija datata 18 ta’ Marzu, 2008, ghaliex kienu ghadhom qed jistennew tali *survey report*. Dan oltre d-deposizzjoni kontradittorja li nghatat mir-rapprezentant tas-Socjeta’ assigurata Intercomp, illi ddikjara li ma sarx *survey*, izda mbaghad ghadda sabiex ipprezenta r-rapport in kwistjoni. Illi dan jindika illi tali *survey report* gie mhejji in bazi ta’ informazzjoni li s-surveyor inkarigat mis-Socjeta’ assigurata Intercomp inghata mill-istess Intercomp, u mhux ghaliex verament gie mwettaq *survey in situ* fil-mahzen meta saret il-konsenja. Illi fid-dawl ta’ tali kunsiderazzjonijiet, l-eccezzjonijiet sollevati mis-Socjeta’ konvenuta qed jigu akkolti.

Illi da parti taghha, s-Socjeta’ kjamata in kawza tikkontendi illi fl-ewwel lok m’ghandha ebda relazzjoni guridika mas-Socjeta’ attrici; illi l-pretensjonijiet tas-Socjeta’ attrici huma dekaduti ai termini tal-Artikolu 32 (1)(a) tal-Konvenzjoni li giet inkorporata fil-ligi taghna ai termini tal-Kap 486 tal-Ligijiet ta’ Malta; illi fi kwalunkwe kaz, is-Socjeta’ kjamata in kawza

m'hix responsabbli ghan-nuqqas fil-merkanzija ghaliex hi kkonsenjat tali merkanzija fl-istess stat li kienet meta rcevietha minghand is-Socjeta' estera; illi t-talba attrici hija eccessiva, u li fi kwalunkwe kaz japplikaw il-limitazzjonijiet applikabli ai termini tal-Konvenzjoni.

Illi zewg Socjetajiet kummercjali, kemm dik konvenuta u dik kjamata 'n kawza, t-tnejn jaghmlu referenza ghall- *Convention on the Contract for International Carriage of Goods by Road (CMR),* u ghalhekk din l-azzjoni ghandha tigi determinata *in linea* tar-regolamenti relattivi, senjatament Artikolu 3 tal-istess, li jipprovdi illi "... *the carrier shall be responsible for the acts or omissions of his agents and servants and of any other persons of whose services he makes use of for the performance of the carriage, when such agents, servants, or other persons are acting within the scope of their employment as if such acts or omissions were his own*." Illi mill-provi mressqa mill-partijiet irrizulta illi s-Socjeta' assigurata mas-Socjeta' attrici nkarigat is-servizzi tas-Socjeta' konvenuta, li da parti taghha imbaghad ghaddiet sabiex ingaggjat dawk tas-Socjeta' kjamata 'n kawza. Illi l-fatt illi l-merkanzija in kwistjoni kienet fil-pussess tas-Socjeta' kjamata 'n kawza waqt illi din kienet qed tigi trasportata, u li fl-ebda waqt ma kienet fil-pussess tas-Socjeta' konvenuta, ma jwassalx sabiex din is-s-Socjeta' tal-ahhar tista' tigi rilaxxjata mill-obbligi kontrattwali taghha fil-konfront tas-Socjeta' li nkarigat is-servizzi taghha. Illi f'dan ir-rigward issir referenza ghall-gurisprudenza kopjuza in rigward, partikolarment decizjonijiet bejn l-istess partijiet kontendenti, fosthom, **Atlas Insurance PCC Limited pro et noe vs B.A.S Limited et** (Qorti tal-Magistrati – Malta) deciza fid-19 ta' Settembru 2012, fejn il-Qorti ddikjarat kif gej: "*Illi s-Socjeta' konvenuta qed targumenta li l-hsara u n-nuqqasijiet riskontrati graw meta l-istess merkanzija kienet fil-pussess tal-kjamata fil-kawza u li ghalhekk l-istess Socjeta' kjamata in kawza ghandha tinzamm responsabbli tal-istess danni* di fronte *ghas-Socjeta' attrici. Illi din il-Qorti ma taqbilx mas-sottomissjoni tas-Socjeta' konvenuta u dan peress li jirrizulta mhux kontestat li r-relazzjoni kontrattwali naxxenti mill-*International Consignment Note *hija dik bejn is-Socjeta' attrici u s-Socjeta' konvenuta abbazi ta' relazzjoni kuntrattwali hemm milhuqa. Il-fatt li l-istess Socjeta' konvenuta inkarigat lis-Socjeta' kjamata in kawza sabiex iggorr l-istess merkanzija, ma jfissirx li l-istess Socjeta' kjamata in kawza b'hekk holqot relazzjoni guridika u kontrattwali mas-Socjeta' attrici, u dan anke in vista tal-fatt li l-inkarigu tas-Socjeta' konvenuta sar direttament u esklussivament mas-Socjeta' konvenuta u mkien mill-istess ftehim jew mix-xhieda prodotta ma jirrizulta li s-Socjeta' attrici tat il-kunsens taghha sabiex is-Socjeta' konvenuta tinkariga terzi sabiex igorru l-istess merkanzija."*

Illi jsegwi ghalhekk illi l-eccezzjoni sollevata mis-Socjeta’ kjamata in kawza, u cioe’ illi hi ma hix il-legittimu kontradittur, ghandha tigi akkolta, u konsegwentement is-Socjeta’ kjamata in kawza ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju. Illi f’dak li jirrigwarda s-Socjeta’ konvenuta, qed jigu akkolti wkoll l-eccezzjonijiet minnha sollevati, u dan kif dettaljat aktar ‘l fuq. Illi ghalhekk it-Tribunal ser jghaddi sabiex jirrespingi t-talba tas-Socjetajiet attrici.

Ghaldaqstant, it-Tribunal qed jilqa’ l-eccezzjonijiet sollevati mis-Socjeta’ konvenuta u wkoll l-eccezzjoni sollevata mis-Socjeta’ kjamata ‘n kawza li mhix il-legittimu kontradittur, u konsegwentement qed jichad it-talba tas-Socjetajiet attrici u qed jillibera lis-Socjeta’ konvenuta u dik kjamata ‘n kawza mill-osservanza tal-gudizzju.

Bl-ispejjez kontra s-Socjetajiet attrici.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM--------------------------------